MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2326/2003

**Charles Mercieca & Co Ltd u b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2004 ghandhom jizdiedu l-kliem "Brands International Ltd" gja Charles Mercieca & Co. Ltd qabel l-isem tas-socjeta` attrici**

**Vs**

**Malta Yacht Manufacturing Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru 2003 fejn l-atturi talbu sabiex is-socjeta` konvenut thallas is-somma ta' Lm961.73 (disa` mija u wiehed u sittin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsetx.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` attrici qed titlob lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas is-somma ta' disa` mija u wiehed u sittin lira maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm961.73) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 20 ta' Settembru 2003 u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta ngubta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. L-ammont dovut huwa esagerat u mhux dovut.

2. Fi kwalunkwe kaz il-kumpanija konvenuta ma hijiex il-ligittimu kontradittur peress li ma kienetx hi li ghamlet l-ordnijiet minghand l-attur izda kien certu Donaldson li ma ghandux ir-rappresentanza tal-kumpanija.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza si tratta ta' kreditu ghal konsenja ta' materjal fornita lis-socjeta` konvenuta. Dana gie konfermat minn Charles Mercieca fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004.

Illi s-socjeta` konvenuta ghar-ragunijiet taghha naqset li tipproduci l-evidenza taghha in sostenn tad-difiza taghha.

Irrizulta ghalhekk li t-talbiet atturi gew sodisfacentament pruvati billi mhux kontradetti.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici, tichad l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u tikkundanna thallas is-somma ta' Lm961.73 bl-ispejjez u interessi kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------